



Brussell, 9 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9681/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0102(BUD)**

**FIN 446
PE-L 15**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7862/2021 (COM(2021) 270 final)
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2021: Id-dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2020 – <i>Adozzjoni</i>

1. Fil-15 ta' April 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2021 dwar l-ibbaġitjar tas-surplus li jirriżulta mill-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2020.

L-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2020 turi *surplus* ta' EUR 1 768.62 miljun li jirriżulta minn:

- a) eżitu pożittiv fil-*parti tad-dħul tal-baġit* (+EUR 1 647.32 miljun), li minnhom:

Titolu 1 (Riżorsi proprji):	+EUR 309.67 miljun
Titolu 3 (Surpluses, bilanċi u aġġustamenti):	+EUR 1 065.04 miljun
Titolu 7 (Imgħax dwar arretrati u multi)	+EUR 267.99 miljun
Titoli oħrajn	+EUR 4.62 miljun

b) sottoimplimentazzjoni fin-*naħa tan-nefqa tal-baġit* (-EUR 121.30 miljun), b'mod partikolari ta':

- approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-2020 (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): - EUR 221.36 miljun
- kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet riportati mill-2019 (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): -EUR 107.35 miljun
- varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju +EUR 207.41 miljun

L-ibbaġitjar ta' dan is-surplus ser inaqas għaldaqstant il-kontribuzzjoni globali tal-Istati Membri għall-finanzjament tal-baġit tal-UE fl-2021.

2. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 3/2021 fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' April 2021 u seta' jaċċettah mingħajr bidliet.
3. Fi tmiem l-eżami tiegħu, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex:
 - jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2021 kif tinsab fil-punt 2,
 - jagħti struzzjonijiet lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u tapprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan, u
 - ikollu d-Deċizzjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, kif tinsab fid-dokument 9682/21, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti

lil : President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għas-sena finanzjarja 2021, adottata mill-Kunsill fil-21 ta' Ġunju 2021.

(Formola tal-għeluq).
